Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 365/2013/1

**Anthony Cardona, Stefan Cardona u Christianne Cardona**

**vs**

**1. Bugeja Co. Limited (C18077)**
**2. Emanuel Grech u**
**K.C.A. Plastics Limited (C 7901) li ġiet kjamata in kawża b' digriet mogħti fit-22 ta' Jannar 2014**

4 ta' Gunju, 2018.

1. Permezz ta' Avviż[1] preżentat mill-**atturi** nhar id-19 ta' Novembru 2013 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ġiet mitluba tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom iħallsu s-somma li tiġi likwidata minn dik il-Qorti, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi, rappreżentanti d-danni allegatament sofferti mir-rikorrenti, inkluż id-danni li kellhom jiġu riżarċiti mir-rikorrenti għad-danni sofferti minn terzi, b' riżultat ta' perkolazzjoni ta' ilma ġewwa l-fond propjeta' tar-rikorrenti ossia fil-fond Flat 6B, Blk B, Fort Mansions, Ta' Xbiex Terrace, Ta' Xbiex u għal liema danni l-konvenuti jew min minnhom allegatament huma unikament responsabbli stante li l-perkolazzjoni ta' ilma u konsegwenzjali danni averraw ruħhom b' konsegwenza ta' difett fil-merkanzija u/jew materjal (idrawliku) mibjugħ lir-rikorrenti mill-kumpanija Bugeja Co. Limited u/jew b' konsegwenza ta' difett fl-installazzjoni tal-istess merkanzija ossija materjal (idrawliku) minn Emanuel Grech fil-fond Flat 6B, Blk B, Fort Mansions, Ta' Xbiex Terrace, Ta' Xbiex. Ir-rikorrenti ddikjaraw li d-danni reklamati minnhom ma jeċċedux l-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ossija ma jeċċedux is-somma ta' €11,646 (ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin ewro). Bl-ispejjes u bl-imgħax kontra l-konvenuti li ġew ingunti in subizzjoni.

2. Permezz ta' risposta[2] ppreżentata fl-5 ta' Diċembru 2013 is-soċjeta' **Bugeja Co. Limited (C 18077)** wieġbet kif ġej:

[1] Fol. 1.
[2] Fol. 9.

*'1. Illi preliminarjament l-esponenti jissottometti li huwa xtara l-prodott u/jew merkanzija u/jew materjal mibjugħ lir-rikorrenti mingħand K.C.A. Plastics Limited (C 7901) ta' Ubt 1, Industrial Estate San Ġwann u għalhekk jitlob il-kjamata in kawża ta l-istess kumpanija stante li kwalsiasi difett fil-prodott hija r-responsabilità ta' l-istess K.C.A Plastics Limited;*

*2. Illi l-esponenti m' għamlu ebda installazzjoni fil-post tar-rikorrenti u għaldaqstant m' għandhom l-ebda responsabilità għall-ħsara inkorsa mir-rikorrenti u dik inkorsa minn terzi u riżarċita mir-rikorrenti;*

*3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ir-rikorenti jridu jagħmlu prova tal-ħsarat minnhom sofferti, kif ukoll minn min mir-rikorrenti nkorra tali ħsara, kif ukoll prova tad-danni riżarċiti minnhom lil terzi kif ukoll prova tad-danni inkorsi mill-istess terzi;*

*4. Illi l-esponenti ma għamel ebda ħsara lir-rikorrenti u t-talbiet tagħhom fil-konfront tiegħu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti togħġobha tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront ta' l-esponenti bl-ispejjez kontra r-rikorrenti jew min mill-partijiet huwa responsabbli, bil-partijiet kollha inġunti għas-subizzjoni.'*

3. Permezz ta' risposta[3] ppreżentata fl-10 ta' Diċembru 2013 l-konvenut **Emanuel Grech** wieġeb:

*'1. Illi l-esponenti jirrespinġi l-pretensjonijiet kollha hekk kif dedotti fil-konfront tiegħu bħala infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ix-xogħol magħmul u esegwit mill-esponent sar skond is-sengħa u l-arti u dan kif ser jirriżulta fil-mori tal-provi;*

*3. Illi mingħajr pregudizzju għas-suespost, jinkombi fuq l-atturi sabiex jagħmlu prova tal-allegati danni u fi kwalunkwe każ, huma kontestati;*

*4. Illi fi kwalunkwe każ, l-esponent m' għandux ibagħti l-ispejjez ta' din il-kawża.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.'*

4. Permezz ta' digriet[4] mogħti fit-22 ta' Jannar 2014 ġiet kjamata in kawża s-soċjeta' K.C.A. Plastics Limited (C 7901).

---

[3] Fol. 12.
[4] Fol. 18 – 19.

5. Permezz ta' risposta[5] ppreżentata fis-7 ta' Marzu 2014, is-soċjetà kjamata in kawża **K.C.A. Plastics Limited (C 7901)** wieġbet:

*"Illi t-talbiet kif proposti ma jistgħux ireġġu fil-konfront tal-esponenti u dan stante illi l-esponenti ma biegħet xejn lill-atturi u lanqas ma nstallaw xi materjal fil-fond tal-atturi.*

*Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jiċħdu li kwalsijasi materjal li seta' pprovjena mill-manifattura tas-soċjeta' esponenti kien b' xi mod difettuż u konsegwentement m' għandhomx jaħtu għall-akkadut.*

*Fit-tielet lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, id-danni mitluba huma eċċessivi."*

6. Permezz ta' sentenza datata 26 ta' Ottubru 2016 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) iddeċidiet:

*'Għalhekk fid-dawl tal-provi prodotti din il-Qorti hija tal-fehma li hija s-soċjeta' kjamata in kawża li għandha twieġeb u tirrispondi għad-danni sofferti mill-attur fl-ammont imsemmi fil-prospett ta' danni u ċioe' fl-ammont ta' €8,209.21 u b' hekk għalhekk filwaqt li tilqa' l-eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta li mhix responsabbli għad-danni sofferti mill-attur, qiegħda tiċħad l-eċċezzjoni tas-soċjeta' kjamata in kawża b' dan illi qed tiddikjarha responsabbli għal dak li ġara u konsegwentment tilqa' it-talba ta' l-attur limitatament fis-somma ta' tmint elef, mitejn u disgħa ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€8,209.21) li qed tiġi likwidata minn din il-Qorti bħala s-somma ta' danni li l-istess attur sofra u konsegwentement qed tikkundanna lis-soċjeta' kjamata in kawża tħallas lill-attur din l-istess somma hekk likwidata minnha fl-ammont ta' tmint elef, mitejn u disgħa ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€8,209.21).*

*L-ispejjeż ta' din il-kawża huma kollha a karigu tas-soċjetà kjamata in kawża u l-imgħax fuq is-somma likwidata jibda jiddekorri mil-lum.'*

7. Illi minn din is-sentenza appellat is-soċjetà **K.C.A. Plastics Limited** in kwantu ħassitha aggravata mid-deċiżjoni appellata partikolarment fejn l-Ewwel Qorti ddeċidiet li hija taħti għall-inċident odjern għaliex biegħet *elbows* difettużi u meta jinqala' *complaint* kienu jilħqu ftehim bonarju iżda f' dan il-każ l-assikurazzjoni rrifjutat tħallas. Tikkontendi li din il-konsiderazzjoni hija żbaljata in kwantu l-azzjoni attriċi kienet bażata fuq tort b'dan illi l-atturi kellhom jippruvaw kemm l-event dannuż kif ukoll in-ness dirett bejn tali event dannuż u l-allegat tort fil-konfront tagħhom. Tgħid li l-fatt li fost l-eluf ta' *elbows* manifatturati minnha minn żmien għal żmien instab xi *elbow* difettuż ma jfissirx li l-*elbows* kollha huma difettużi u lanqas ma jfisser li l-*elbow* mertu tal-kawża odjerna kien difettuż, u fil-fatt, mill-provi rriżulta li ma kien hemm xjen miksur jew difettuż fl-imsemmi *elbow.* Dan għaliex il-*plumber* stess biddel il-*housing* biss u reġa' ġannat l-*elbow* bl-

[5] Fol. 27.

istess *fittings* peró meta ġie eżaminat il-*housing* irriżulta li kien tajjeb u ma kellux ħsara jew difetti b' dan illi ma jistgħax jingħad li l-inċident huwa b'xi mod imputabbli lilha. L-appellanta rreferiet għall fatt li wara l-inċident instab li l-*cover* bil-kamin tal-*elbow*, il-*grip-ring*, *spacer* u *'O'-ring*, kienu mwaħħlin ma' *pipe* minnhom filwaqt li l-*housing* tal-*elbow* u l-kumplament tal-*elbow* kienu mwaħħlin mal-*pipe* l-ieħor. Ikkonkludiet għalhekk li ladarba l-*fittings* baqgħu imwaħħlin mal-pajp rispettiv ifisser li l-*grip washer* għamel xogħlu u kien tajjeb u li l-kaġun tal-inċident kien imputabbli għall-fatt li meta saret l-istallazzjoni tal-*elbow* in kwistjoni, il-*cover* bil-kamin / skorfina ta' naħa minnhom ma ġiex issikkat u maż-żmien, bil-varjanzi tal-pressa, inħall.

8. Fl-ewwel lok u fuq bażi preliminari **Emanuel Grech** oppona għar-ritratti inseriti fl-appell in kwantu, apparti l-fatt li l-prodott li jidher fir-ritratti in kwistjoni mhuwiex l-istess prodott supplit mis-soċjetà kjamata in kawża, allega li dawn jikkostitwixxu provi ġodda u talab l-isfilz tagħhom. Wieġeb li l-apprezzament tal-fatti li għamlet l-ewwel qorti m'għandux jiġi disturbat b' mod leġġer u f'kull każ, l-aggravju mressaq mis-soċjetà appellanta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt in kwantu jeżisti ness dirett bejn l-event dannuż u l-prodott supplit mis-soċjetà appellanta. Jgħid li l-appellanta qatt ma ttestjat l-*elbow* bil-*fittings* b' kollox minkejja li kien hemm numru ta' ilmenti dwar il-prodott in kwistjoni. Inoltré, l-event dannuż ġara xhur wara li huwa nstallaħ. Jgħid li kieku l-perkolazzjoni kienet konsegwenza ta' xogħol ħażin u mhux skont is-sengħa u l-arti, kif allegat mill-appellanta, dan kien jimmanifesta ruħu mill-ewwel. Jgħid għalhekk li s-sentenza appellata timmerita konferma.

9. L-atturi appellati **Anthony Cardona**, **Stefan Cardona** u **Christianne Cardona**[6] wieġbu li din il-Qorti m'għandiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi miġjuba quddiem l-Ewwel Qorti stante li ma jirriżulta ebda żball manifest fis-sentenza appellata u, abbażi tal-provi prodotti, l-Prim' Istanza setgħat raġonevolment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha. Inoltré, m' għandhomx jitqiesu r-ritratti eżebiti fir-rikors tal-appell tas-soċjetà appellanta liema ritratti jikkostitwixxu provi ġodda. Dwar il-mertu, wieġbu li l-appell tas-soċjetà appellanta huwa intiż biss sabiex ir-responsabiltà tal-akkadut jiġi attribwit lill-konvenut Emanuel Grech u mkien ma ġie kontestat li d-dannu kien riżultat ta' perkolazzjoni ta' ilma fil-fond proprjetà tagħhom u lanqas li d-danni likwidati, b' dan illi, it-talbiet tal-atturi ġew ammessi. Jgħidu li huma ssodisfaw il-piż tal-provi li kien jinkombi fuqhom, ċioé, li avvera ruħu l-event dannuż, b'riżultat ta' difett fil-merkanzija/materjal idrawliku mibjugħ lilhom u/jew b'konsegwenza ta' difett fl-istallazzjoni tal-imsemmi materjal. Ġie ukoll pruvat li s-sistema idrawlika ġiet mixtrija mingħand il-kumpannija Bugeja Co.

---

[6] Fol. 30.

Ltd. u nstallata minn Emanuel Grech u li d-danni sofferti kienu riżultat tal-event dannuż. Inoltré, il-*quantum* tad-danni fl-ebda ħin ma ġie kontestat / kontradett. Jgħidu għalhekk li kien jispetta lill-konvenuti u l-kjamata in kawża sabiex iressqu l-provi sabiex jakkollaw ir-responsabilità lil xi wieħed jew ieħor minnhom u m' għandhom l-ebda kritika għal mod kif l-Ewwel Qorti apprezzat il-fatti f'dan ir-rigward. Dak sottomess mis-soċjetà appellanti fuq il-mod kif jaħdem l-*elbow* u l-aċċessorji huma konġetturi u suppożizjonijiet li mhux sorretti mill-provi u f' kull każ irrilevanti għaliex jekk l-*elbow* u/jew l-aċċessorji kellhom difett, il-funzjoni tagħhom ma setgħetx tkun waħda normali. F'kull każ, irrispettivament mill-eżitu tal-appell odjern, huma m' għandhomx ibgħatu spejjeż.

10. **Bugeja Co. Ltd**[7] wieġbet billi preliminarjament għamlet tagħha s-sottomissjonijiet ta' l-atturi appellati u ta' Emanuel Grech dwar l-aspett tal-provi ġodda konsistenti f' ritratti inseriti fir-rikors tal-appell. Saħqet ukoll li mhux il-każ li din il-Qorti tiddisturba l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti. F'kull każ, mill-atti mkien ma jirriżulta li l-ħtija tal-akkadut kienet l-istallazzjoni ħażina tal-*elbow* in kwistjoni. Tgħid li kien jinkombi fuq l-attur li jippreżenta relazzjoni tal-espert flimkien mal-oġġett/i li skontu kienu tajba. F'kull każ, hija akkwistat il-prodotti mibjugħa lill-Anthony Cardona mingħand l-appellanta K.C.A. Plastics Limited u għażilhom Emanuel Grech b' dan illi bħala intermedjarja mhijiex responsabbli.

11. Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Marzu 2018, din il-Qorti <u>ċaħdet</u> it-talba ta' Emanuel Grech għall-isfilz tar-ritratti li jifformaw parti mir-rikors tal-appell.

**<u>Ikkunsidrat</u>:**

12. Din il-Qorti tibda billi ttenni l-prinċipju assodat fil-ġurisprudenza nostrana li:

> '*Huwa paċifiku li* ***f' materja ta' dixxiplina tal-proċeduri, Qorti tat-tieni grad bħala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-Qorti tal-ewwel grad jekk mhux verament għal motivi gravi****, dak li fil-fehma tal-Qorti ċertament hawn m' huwiex il-każ. Dan għaliex mill-provvedimenti tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili l-andament tal-kawża huwa sostanzjalment, anké jekk forsi mhux assolutament, imħolli fid-diskrezzjoni tal-Qorti. Kif drabi oħra ingħad "din il-fakultà hija soġġetta għall-prinċipji ġenerali tar-raġuni prattika u l-grad ta' din il-fakultà imbgħad jiddependi mill-ġudikant, u tista' ukoll toxxilla skont il-personalità ġuridika li jipposjedi l-ġudikant" –* ***Perit Giudo Vella -vs- Dr. Emmanuel Cefai****,* Appell Ċivili, *14.01.1993.*[8]

[7] Fol. 49.

[8] ***Korporazzjoni Telemalta v Hili Diane***, Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħallef P. Sciberras) 15.12.2003.

13. Inoltré, l-Ewwel Qorti tgawdi minn marġini wiesgħa ħafna fl-apprezzament tal-provi:

> *'Ġja ġie osservat diversi drabi minn din il-Qorti illi l-valutazzjoni tal-provi hi fondata fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu, dejjem, pero`, prudenzjali, tal-ġudikant adit mill-mertu. Dan neċessarjament u loġikament ifisser illi l-ġudikant għandu poter diskrezzjonali ampju li mir-riżultanzi probatorji huwa jqis dawk il-provi li, għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu, iqis l-aktar attendibbli u idoneji. Fl-eżerċizzju ta' dan il-proċess huwa fakoltizzat li jaċċetta x-xhieda ta' wħud u jwarrab jew jiskarta oħrajn u jqiegħed a fondament tad-deċiżjoni tiegħu fonti ta' prova ad eskluzjoni ta' oħra. Kif inhu ben konsolidat f' ġurisprudenza konkordi dik il-valutazzjoni tal-ġudikant ta' l-ewwel grad hi nsindakabbli minn Qorti ta' reviżjoni jekk tirriżulta loġika u koerenti ma' l-elementi tal-provi utilizzati, u kif ulterjorment sostenuta minn motivazzjoni adegwata li tikkonsenti l-kontroll tal-kriterju logiku segwit.*[9]

14. Isegwi għalhekk li fl-eżerċizzju deliberattiv, l-Ewwel Qorti kellha l-fakoltà li taċċetta x-xhieda ta' wħud u twarrab jew jiskarta oħrajn u tqiegħed bħala bażi tad-deċiżjoni tagħha fonti ta' prova ad eskluzjoni ta' oħrajn.

15. Madanakollu, l-ġurisprudenza tipprovdi wkoll illi:

> *'... bħal fil-każ ta' kull regola oħra* ***jeħtieġ li jiġu senjati l-veri limiti tal-prinċipju. Hekk jinsab ukoll sew affermat illi meta din il-Qorti tkun konvinta li tkun ser tiġi kaġonata inġustizzja manifesta, hi għandha, b' dover, l-obbligu li tissindika dak l-apprezzament u anké tasal għal konkluzjoni diversa minn dik li tkun waslet għaliha l-qorti ta' l-ewwel grad****. Jokkorri għalhekk li jiġu ri-eżaminati l-fatti provati biex minnhom tara jekk jeżistux "raġunijiet gravi li jwassluha għall-konvinċiment illi dik il-Qorti ma setgħetx ma kienetx żbaljata fl-apprezzament tagħha. Raġunijiet li jwassluha għall-konvinzjoni illi jekk ma tissostitwix l-apprezzament tagħha ta' dawk il-provi għal dawk ta' l-ewwel Qorti tkun ser tiġi krejata inġustizzja manifesta" - "****Joseph Walker nomine -vs- Raymond Pizzuto****", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u "****Emily Stivala et - vs- George Pace****", Appell mill-Bord, 6 ta' Ottubru 2000*[10]

16. Dan ifisser illi:

> *'... fejn, wara ri-kunsiderazzjoni tal-atti kollha proċesswali, jitnissel fiha l-konvinċiment illi l-provi prodotti* ***ma kinux u ma setgħux iwasslu għall-konkluzjoni raġġunta****, il-Qorti ta' reviżjoni kienet fid-dmir li tiddelibera s-sentenza u anké tqegħda in disparte*[11]

---

[9] ***Abdilla John Et Vs Water Services Corporation***, Qorti tal-Appell (Inferjuri), 14.12.2006.

[10] ***Pirotta Rita vs Carbonaro Simon***, Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħallef P. Sciberras) 17.11.2004.

[11] ***Chircop Stephen vs Caruana Mary Grace,*** Qorti tal-Appell Inferjuri (Imħallef P. Sciberras) 28.04.2004.

17. F'dan l-isfond il-Qorti sejra tikkunsidra l-aggravji tal-Awtorità appellanti u tevalwa jekk a bażi tal-provi prodotti l-ewwel qorti kinitx gustifikata tikkonkludi li l-elbow kienet difettuża.

18. Kif ġie riportat aktar 'l fuq is-soċjetà appellanta K.C.A. Plastics Limited ħassitha aggravata mid-deċiżjoni appellata in kwantu l-Ewwel Qorti ddeċidiet li hija taħti għall-inċident odjern għaliex biegħet *elbows* difettużi u meta jinqala' *complaint* kienu jilħqu ftehim bonarju iżda f'dan il-każ l-assikurazzjoni rrifjutat tħallas. Tikkontendi li din il-konsiderazzjoni hija żbaljata in kwantu l-azzjoni attriċi kienet bażata fuq tort b'dan illi l-atturi kellhom jippruvaw kemm l-event dannuż kif ukoll in-ness dirett bejn tali event dannuż u l-allegat tort fil-konfront tagħhom.

19. Fil-konsiderazzjonijiet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) qalet:

> *'Ir-rikorrenti qed jibbaża il-pretensjonjiet tiegħu fuq il-ħtija aquiliana li tippresupponi fatti li minnu titnissel ex nunc. F' din it-tip ta' azzjoni kontrarjament għal dik kontrattwali ma hemmx rabta obbligatorja anteċendenti għall-att jew ommissjoni li jagħti lok għad-dannu li l-atturi jallegaw li ġie lilhom kawżat. Fuq l-attur jintefa' l-oneru li jippruva in-nexus bejn l-agir tal-konvenut u/jew kjamat in kawża u d-dannu minnu soffert (ara* ***Dr. Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb pro et noe*** *fuq ċitata fost ħafna oħrajn li jenunċjaw dan il-prinċipju bażilari tad-dritt).*
>
> *Ovvjament kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss ma jweġibx għal ħsara li tiġri b' dak l-użu (art. 1030 Kodici Civili). Dan il-qies insibuh fl-Artikolu 1032(1) fejn kif enunċjat aktar 'l fuq il-liġi tispjega li jekk ma tintużax il-prudenza, id-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja, titwieled ir-responsabbiltà għad-danni.*
>
> *Armata b' dawn il-prinċipji, l-Qorti fl-ewwel lok trid tara jekk il-ħsarat sofferti mill-attur kienux ir-riżultat tal-operat tas-soċjetà konvenuta li biegħet l-materjal li akkwistat mingħand is-soċjetà kjamata in kawża jew jekk kienx ir- riżultat tal-operat tas-soċjetà kjamata in kawża li biegħet oġġetti meta kienet taf li ġja kellha diversi complaints dwarhom. Li kien hemm il-ħsarat hu indiskuss. Dan ħareġ ċar mix-xhieda li instemgħet u mid-diversi riċevuti esebiti fl-atti a fol. 77 et seq li ma ġewx kontestati. Li dawn il-ħsarat seħħew wara li l-konvenut Grech kien tlesta mix-xoghol ta' plumbing hu wkoll indiskuss.*
>
> *Pero' l-attur ma jistax jieqaf hawn. Irid jipprova illi l-ħsara hi l-konsegwenza tal-operat tal-konvenut jew kjamat in kawża jew min minnhom. Il-ġurisprudenza tgħallimna illi:*
>
> *"Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet kienux, fiċ-ċirkostanzi zvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mil-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għal*

*konvinċiment; għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan għad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-ħtija trid tirriżulta mingħajr ma tħalli dubju raġonevoli" (**Emanuel Ciantar vs David Curmi et** deċiż mill- Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-28 ta' Marzu 2003).*

*Inoltre, kif intqal fil-kawża, '**Mifsud vs Camilleri**' deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Apell, fil-15 ta' Diċembru, 2004, intqal li: "Hu paċifiku illi ma huwiex biżżejjed li wieħed jagħmel użu mid-dritt tiegħu, iżda dan l-użu jrid ikun fil-limiti ġusti, kwindi anke konċiljat għad-drittijiet oħra ta' ħaddiehor, li altrimenti jistgħu jiġu vvjolati b' dak l-użu u dan ikun illeggittimu".*

*Minn eżami tal-fatti in kawża, jidher li l-attur kien inkariga lill-konvenut Emmanuel Grech sabiex jagħmel xogħol fil-proprjeta' tiegħu liema xogħol kien jinkludi xogħol ta' plumbing u elettriku. Jirriżulta li huwa qabbad persuna li kien jaf u li ġieli ħadem magħha u problemi dwar is-sengħa u teknika tagħha qatt ma kellu. In segwitu l-istess konvenut Grech mar jixtri materjal mingħand kumpanija b' reputazzjoni tajba fis-suq u ċioe' mingħand Bugeja Co. Ltd sabiex jinstallhom fil-fond ta' l-attur. Illi in segwitu s-soċjetà konvenuta biegħet l-materjal li kienet xtrat hi stess mingħand s-soċjetà kjamata in kawża (bħala supplier tagħha) lill-konvenut li in segwitu installhom.*

*Jidher li s-soċjetà kjamata in kawża kellha diversi complaints fuq dawn l-oġġetti li kienet qiegħda tbiegħ konsistenti f' elbows li jintużaw għall-installazzjoni ta' sistemi tal-plumbing pero' cio' nonostante baqgħet tbiegħ dawn l-oġġetti u fejn setgħet, meta kien ikollha complaints, kienet tagħmel out of court settlement għaliex d-danni kienu żgħar. F'dan il-każ pero' minkejja li kellha complaint bħall-oħrajn ma ħallsitx lill-attur u daħlet lis-soċjetà assikuratriċi fil-materja. Jidher li d-diriġenti tas-soċjetà assikurattriċi ma kienx tal-fehma li jibgħat inġinier fil-post sabiex jara f'hiex kienet tikkonsisti il-ħsara u kif effettivament ġrat il-ħsara. Iżda kien sodisfatt joqgħod u jistrieħ fuq plumber li ma kellux ċertifikati li mar fuq il-post u li għamel test bla ma uża l-istess apparat u ċioe' billi uża l-istess elbow li kien qala l-konvenut ma' sett fittings ġodda. Jidher li l-problema kienet għaliex l- elbow li ġiet esebita il-Qorti ma kinitx qed torbot mal-fittings li kienu ġew fl-istess packing u kien għalhekk li l-pajp spara u bħala riżultat kien hemm ħafna perkolazzjoni ta' ilma. Is-soċjetà assikuratriċi naqset meta ma bagħtitx inġinier fuq il-post sabiex tagħmel assessment tal-ħsara u ta' kif din ġiet kaġunata. Molto piu' meta tqis li s-soċjetà li pprovdiet dan il-materjal stqarret li diġa' kellha diversi complaints li kienu simili iżda ta' ammont li kien inqas.*

*Illi jirriżulta almenu fuq bażi ta' probabilità li l-inċident seħħ peress li l-elbow li ssupliet is-soċjeta' kjamata in kawża kienet difettuża fis-sens li ma kinitx qed taqbad sew mal-parti l-oħra li kien hemm fil-pajp. Fis-sens li ma kienx hemm grasp u kien għalhekk li l-pajp bil-pressure tal-ilma sganċja ruħu minn mal-parti l-oħra u l-ilma baqa' sejjer mal-art 'l barra mill-pajp. Li kieku s-soċjetà assikuratriċi bagħtet l-inġinier tagħha fuq il-post u sar pressure test fuq l-istess materjal li kien hemm ġja imwaħħal mal-pajpiet ir-riżultat kien ikun wieħed aktar ċert pero' dan in-nuqqs ma jistax jiġi attribwit lill-attur li min-naħa tiegħu dam żmien konsiderevoli jistenna lil dan l-inginer li Clint Farrugia kien qal li ser jibgħat u li ġie mwaqqaf li jmur minn John Galdes.'*

20. Il-qorti tosserva li fir-rigward tar-relazzjoni li kien hemm bejn l-atturi u l-konvenut Grech, dik kienet ta' natura kuntrattwali. L-atturi inkarigaw lill-konvenut sabiex jaghmlilhom xoghol ta' plumbing f'appartament proprjeta taghhom. Grech kellu obbligu li jwettaq ix-xoghol skont is-sengha u l-arti. Jekk ma wettaqx l-inkarigu kif suppost, ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni li sofrew Cardona.

21. Din il-Qorti tapprezza li fost l-eluf ta' *elbows* manifatturati mis-soċjetà attriċi minn żmien għal żmien jista' jkun hemm xi *elbow* difettuż. Dan il-fatt meħud waħdu, ma jfissirx li l-*elbow* meritu tal-kawża kien difettuż.

22. L-Ewwel Qorti kellha raġun tosserva li s-soċjetà assikuratriċi naqset meta, kuntarjament għal dak miftiehem, ma bagħtitx inġinier fuq il-post sabiex jagħmel *assessment* tal-ħsara u x'wassal biex seħħ l-inċident. Pero' dan mhu ta ebda konsegwenza ghad-difiza tal-appellanti.

23. L-attur Anthony Cardona xehed li kien qiegħed Għawdex meta sar jaf bil-perkolazzjoni tal-ilma mil-fond tiegħu, li tant kient kbira li baqgħat nieżla fiż-żewġ appartamenti sottostanti. Meta wasal fuq il-post sab li xi ħadd kien diġa għalaq il-*main* tal-ilma. Dwar il-kawża tal-imsemmija perkolazzjoni xehed kif ġej:

- '*kien spara pipe minn ma' l-elbow*' li '*kien jinsab fuq is-suffitt*';[12]
- '*naf li rajt il-pipe maqlugħ minn ma' l-elbow*';[13]
- '*il-plumbing kien ilu lest disa' xhur qabel l-inċident in kwistjoni.*' '*.. meta qabbadna l-meter u l-main dan l-inċident inqala' ftit wara. Ngħid li dan il-pipe kien ilu bil-pressa sitt xhur. Kien mgħotti bis-suffitt. Meta sar ix-xogħol tal-plumbing naturalment ix-xogħol ma kienx għadu sar*';[14]
- '*kollox kien baqa' kif kien salv għall-pajp li ħareġ mis-socket*';[15]
- '*kont rajt il-pajp maqlugħ minn ġo l-elbow. Kien ħareġ pajp minn ġol-elbow,* ***ma kien hemm xejn imwaħħal miegħu***';[16]
- '*meta mort, kont mort waħdi. Mistoqsi jekk effettivament l-elbow ma baqax sħiħ dakinhar u ċioé li parti mill-elbow spiċċa mal-pajp*

---

[12] Fol. 38.
[13] Fol. 38.
[14] Fol. 39. Jgħid l-istess ħaġa a fol. 66 u 86.
[15] Fol. 86.
[16] Fol. 86 (enfasi tal-Qorti).

*ngħid illi sa fejn naf jien il-pajp rajtu maqlugħ minn mal-elbow pero jien ma nifhimx.'*[17]

24. Jirriżulta mix-xhieda li malli Anthony Cordona ġie nfurmat bil-perkolazzjoni tal-ilma fil-fond mertu tal-proċeduri odjerni, huwa sejjaħ il-*plumber* Emanuel Grech biex isewwi. Dan kien l-istess *plumber* li għamel ix-xogħol oriġinarjament. '*Mistoqsi jekk effettivament il-plumber biddilx il-parts ngħid li iva biddilhom peró fil-bidu uża l-istess fittings.*[18]

25. Emanuel Grech kien għalekk l-ewwel persuna kompetenti li ssejħet fuq il-post. Ix-xhieda tiegħu hija għalhekk fundamentali. Jgħid illi:

- '*Wara li seħħ l-inċident jiena mort fuq il-post u ngħid illi l-ħsara li saret kien kawża tal-elbow minħabba l-ilma.* ***Ngħid illi l-problema donnha dehret mil-'O' ring ta' ġewwa.'***[19]
- '*Ngħid li l-pajp maqlugħ u l-'O' rings u l-affarijiet kienu għadhom maqbuda mal-pajp. Ngħid illi parti mill-elbow kien mal-pajp u parti mill-elbow baqa' mal-elbow u dan għaliex l-elbow in kwistjoni jinqasam fi tnejn. Dan huwa elbow b' żewġ toqob, iddaħħal pajp kull naħa. Dan l-elbow partikolari speċi għandu grip li meta ddaħħal il-pajp jiklikkja. Mistoqsi x' kien hemm ngħid li ma nafx bl-eżatt peró* ***fil-fehma tiegħi kien hemm difett f' l-'O' ring tal-elbow*** *għax suppost meta' ddaħħal il-pajp jekk tiġbdu ma jinqalax. Mistoqsi jekk nagħmlux pressure test meta nlestu x-xogħol ngħid li iva nagħmlu ... kieku ma faqqajtux sew kien jagħmel mill-ewwel. Issa f'dan il-każ l-ilma kienet ilha nstallata sitt xhur';*[20]
- '***il-pajp il-maqlugħ kellu mwaħħal miegħu l-parti ta' ġewwa tal-elbow, appuntu l-iskorfina, il-grip, l-ispacer u l-washer, l-'O' ring tal-lastiku u l-kumplament tal-elbow kien għalih in-naħa l-oħra. Nixtieq ngħid illi l-grip sa fejn naf jien baqa' mal-pajp.***'*;*[21] Huwa ikkonferma l-istess ħaġa in kontro-eżami: '*Naħa kien hemm il-grip ring u n-naħa l-oħra kien hemm parti tagħha mwaħħla għadna magħha. Mal-grip ring kien hemm ukoll l-iskorfina li tidħol mal-elbow*';[22]

[17] Fol. 87.
[18] Fol. 39.
[19] Fol. 40 (enfasi tal-Qorti).
[20] Fol. 40.
[21] Fol. 41.
[22] Fol. 59.

- *'Huwa minnu li l-ewwel jiena rranġajt l-affarijiet li kien hemm u sussegwentement is-Sur Cardona nsista li nbiddel il-fitting. Il-pajp tal-ilma baqa' l-istess. Filfatt kull m'għamilt jien huwa li biddilt l-elbow.*[23] *'Qbadt l-elbow u weħħilt qafas ieħor temporanjament sabiex ma jqattarx ilma*[24] għalkemm in kontro-eżami qal '*jiena dak il-ħin ma biddilt xejn*';[25]
- *'F'dan il-każ ix-xogħol li sar minni sar skont is-sengħa u l-arti, kien l-elbow li kien difettuż għalkemm ma kellu ebda qsim għax kieku kont naraħ';*[26]
- *'Il-pajp qtajtu meta erġajt għamilt ix-xogħol mill-ġdid. Dan minħabba l-emfasi li kien għamilli s-Sur Cardona. Una volta rajt dak id-diżastru kollu li kien hemm ma kontx se nħalli l-istess fittings. Jien ma pprovajtx niġbidhom biex nara xi grif kien hemm. Mistoqsi kif l-elbow inqatgħat minn mal-fittings ngħid illi ma nafx. Jien ma pprovajt fl-ebda ħin biex nipprova niġbed mill-grips li kien hemm. Jien nista' ngħidlek li mill-esperjenza tiegħi l-affarijiet mar mill-grip. Ngħid li filfatt il-grip jista' jinfetaħ. Jien fl-ebda ħin ma ridt niċċekkja l-grips. Jien ma nafx illi effettivament l-iskorfina nħallet.* ***Jien dejjem kontendejt li l-kwistjoni seħħet mill-grip rings.*** *Il-grip ring kienet imwaħħla mal-pajp peró ma jfissirx kinitx tajba jew le. Mhux vera dak li qed jiġi allegat lili li jien ma ssikkajtx il-grip rings meta jien waħħalthom għaliex kieku din id-diżastru kien jiġri mill-ewwel. Il-pressa hemmhekk hija b' saħħitha, ma tilgħabx*';[27]
- *"Nixtieq ngħid li meta kont mort dakinhar tal-inċident jiena kont rajt illi parti mill-elbow kienet mal-pajp maqlugħa u parti oħra imwaħħla mal-elbow"*;[28]

26. Jgħid illi sussegwentement kien mar javża lil Bugeja Co Ltd minn fejn kien ordna l-pajpijiet u l-*fittings* tal-ilma li ġew installati fil-fond tal-atturi. Id-diriġent ta' din il-kumpannija kien nforma mbgħad lil Manwel Spiteri, direttur tal-kumpannija appellanti, li da parti tiegħu irranġa mal-kumpannija assiguratriċi tiegħu sabiex issir spezzjoni.[29] Din saret fil-25 ta' Ġunju 2013, erbgħat ijiem wara l-inċident,[30] u għaliha kienu preżenti l-atturi Anthony u Stefano Cardona, id-direttur ta' KCA Plastics Ltd Manwel Spiteri, Clint

[23] Fol. 41.
[24] Fol. 56.
[25] Fol. 59.
[26] Fol. 57.
[27] Fol. 60.
[28] Fol. 88.
[29] Fol. 56.
[30] Fol. 47.

Farrugia in rappreżentanza ta' GasanMamo ossija s-soċjetà assiguratriċi ta' KCA Plastics Ltd, Emanuel Grech, u Matthew Hayes l-*insurance broker;*

27. Minkejja li fl-affidavit tiegħu Emanuel Grech qal li kien biddel il-qafas tal-elbow bħala miżura temporanja fil-21 ta' Ġunju 2013,[31] in kontro eżami qal li ma kien biddel xejn dak il-ħin u kien biss meta ltaqgħu mas-*surveyor* tal-*insurance* li qala l-qafas tal-plastik u għaddieh lis-*surveyor*. Żied jgħid ukoll li l-fittings tħallew fil-post għaliex is-*surveyor* kien qalilhom li kien se jibgħat inġineer jiċċekkja x-xogħol. Fil-frattemp il-*mains* tal-ilma baqgħu magħluqa. Kien imbagħad wara xahar jew aktar li l-attur infurmah li *insurance* qalulu biex jirranġa għaliex kienux se jibagħatu l-inġineer. Jgħid li wara li ġie nfurmat b' dan '*qlajt l-affarijiet u għamilthom kollha ġodda'.*[32]

28. Mix-xhieda ta' Clint Farrugia, *claims negotiator* ma GasanMamo Insurance, jirriżulta li l-elbow kien effettivment inbidel qabel ma saret l-ispezzjoni minnu: '*meta mort jien l-elbow in kwistjoni biss kienet ġiet mibdula skont ma qaluli'.* Jgħid li l-*plumber* kien għaddielu l-imsemmi elbow u da parti tas-soċjetà assikuratriċi tqabbad *plumber* jismu André Cassar sabiex jagħmel it-testijiet fuqu u ma rriżulta xejn irregolari.[33] Jirriżulta iżda li l-imsemmi *plumber* ma kienx kwalifikat. F'kull każ, André Cassar qatt ma mar fuq il-post u t-test minnu effettwat ma sarx fuq l-*elbow* bil-fittings oriġinali iżda intużaw fittings oħra li jmorru magħha;[34]

29. Meħud in konsiderazzjoni dawn il-provi, jirriżulta li:

- l-*elbow* in kwistjoni qatt ma ġiet eżaminata fit-totalità tagħha bil-*fittings* oriġinali li Grech kien uża meta tpoġġew fil-post;

- ġie ttestjat biss l-elbow u rriżulta li ma kienx difettuż – għalkemm André Cassar li ttestja l-imsemmi qafas mhux *plumber* kwalifikat, kien Emanuel Grech stess li fl-affidavit tiegħu li xehed li kieku l-qafas kien maqsum kien jinduna. Dan apparti li kieku l-elbow kienet maqsuma, probabbilment l-ilma kien jipperkola mill-ewwel u mhux xhur wara;

- Emanuel Grech l-ewwel xehed li d-difett kien fl-'O'-ring iżda sussegwentement xehed li, '*dejjem kontendejt li l-kwistjoni seħħet mill-grip ring'.* Verżjonijiet li huma kontradittorji;

---

31 Fol. 56.
32 Fol. 59 – 60.
33 Fol. 47.
34 Fol. 51.

- Emanuel Grech qatt ma spjega kif dan l-allegat difett fl-'O'-ring / '*grab-ring*' jorbot mal-fatt minnu stess dikjarat li '*il-pajp il-maqlugħ kellu mwaħħal miegħu l-parti ta' ġewwa tal-elbow, appuntu l-iskorfina, il-grip, l-ispacer u l-washer, l-'O' ring tal-lastiku u l-kumplament tal-elbow kien għalih in-naħa l-oħra'* u l-fatt li '*l-grip sa fejn naf jien baqa' mal-pajp'.* Anżi, mistoqsi jispjega kif l-iskorfina kienet tinsab fuq in-naħa tal-pajp li nqala' xehed: '*Jien ma nafx illi effettivament l-iskorfina nħallet.* ***Jien dejjem kontendejt li l-kwistjoni seħħet mill-grip rings.****'*

30. M'hemmx prova li l-elbow inqasmet.

31. Hi l-fehma tal-qorti li l-fatt li sehh l-inċident ma jfissirx li l-elbow jew *fittings* kienu difettużi. Ma saru l-ebda testijiet fuqhom li jikkonfermaw li l-prodott kien difettuż. Fis-sentenza l-ewwel qorti qalet li kien jidher li, "*... l-problema kienet għaliex l-elbow li ġiet esebita il-Qorti ma kinitx qed torbot mal-fittings li kienu ġew fl-istess packing u kien ghalhekk li l-pajp spara u bhala riżultat kien hemm ħafna perkolazzjoni ta' ilma"*. Il-qorti ma tifhimx kif l-ewwel qorti waslet għal dik il-konklużjoni.

32. Il-qorti tqies li hu iktar verosimili li l-kaġun tal-inċident kien imputabbli għall-fatt li l-iskorfina tal-*elbow* fuq in-naħa li nqalgħet ma kinitx issikkata sew u maż-żmien bil-pressa nħallet sakemm inqalgħet minn postha u ovvjament spara l-pajp minn postu. Probabbilment li kieku l-kawża tal-inċident kienet difett fil-*grip ring* jew *o-ring*, il-pajp kien jispara 'l barra mingħajr il-kumplament tal-*fittings*. Pero' skont ma xehed Grech, l-iskorfina nqalgħet mal-pajp u baqgħet imwaħħla mal-pajp flimkien mal-aċċessorji l-oħra, *grip ring*, *spacer* u *O-ring*. Dan fih innifsu hu iktar ndikazzjoni li l-iskorfina ma kinitx marbuta sew.

33. Ma ngħatat l-ebda spjegazzjoni kif skorfina bħal dik li hemm fl-atti tista' tinqala' minn mal-*elbow* jekk *grip ring* jew *o-ring* tkun difettuza. Il-qorti hi konvinta li jekk l-iskorfina tkun marbuta sew mal-elbow, mhijiex ser tinqala'. Ħadd m'allega jew ġab prova li l-iskorfina kienet difettuża.

34. Fiċ-ċirkostanzi, din il-Qorti hija tal-fehma li l-aggravju tas-soċjetà KCA Plastics jimmerita li jintlaqa' ġialadarba probabbilment dak l-inċident seħħ mhux għaliex il-materjal li ntuża kien difettuż, iżda għaliex Emanuel Grech ma ssikax l-iskorfina biżżejjed.

35. Għal dawk li huma danni, ħadd mill-partijiet ma kkontesta l-prospett tad-danni u dokumenti li ppreżentaw l-atturi.

**Konkluzjoni:**

**Għal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, tilqa' l-appell tas-soċjetà KCA Plastics Limited u filwaqt li tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata:-**

i. **Tiċħad it-talba tal-atturi fil-konfront ta' Bugeja Co. Limited u K.C.A. Plastics Limited.**
ii. **Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Grech u tiddikjarah responsabbli għal dak li ġara u tikkundannah iħallas lill-atturi s-somma ta' tmint elef mitejn u disa' ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€8,209.21), bl-imgħax mid-data tan-notifika tar-rikors promotur (19 ta' Novembru, 2013).**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi huma a karigu ta' Grech, b'dan li l-ispejjeż ta' Bugeja Co. Limited huma a karigu tal-atturi filwaqt li l-ispejjeż tal-imsejħa fil-kawża huma a karigu ta' Bugeja Co. Limited ġialadarba kienet hi li talbet li tissejjaħ fil-kawża K.C.A. Plastics Limited[35].**

Anthony Ellul.

[35] Ara l-ewwel eċċezzjoni.